# BenQ



| | |
|---|---|
| **Referenza** | EGF/2007/003 |
| **Stat Membru** | Il-Ġermanja |
| **Settur** | Telefowns ċellulari |
| **Sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea** | 27 ta' Ġunju 2007 |
| **Nefqa totali** | € 20 547 446 |
| **Kontribuzzjoni tal-EGF (Fond Ewropew għall-Aġġustament Globali)** | € 10 273 723 |
| **Kriterju ta' intervent** | L-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 |
| **Perjodu ta' implimentazzjoni** | Mill-1 ta' Jannar 2007 sas-26 ta' Ġunju 2008 |
| **Sensji waqt il-perjodu ta' referenza** | Total ta' 3 303, minn żewġ sussidjarji tal-BenQ fi tliet postijiet:<br>München (1 342 sensja),<br>Kamp-Lintfort (1 719-il sensja) u<br>Bocholt (242 sensja) |
| **Miżuri għal impjieg attiv** | Jinkludu:<br>- konċessjonijiet għal perjodu qasir,<br>- konċessjonijiet għall-mobbiltà,<br>- miżuri ta' taħriġ,<br>- esperjenza fuq post tax-xogħol<br>- għoti ta' pariri<br>- għajnuna ta' segwitu |

## Lezzjonijiet miksuba / prattiki tajba

- Mill-2 528 ħaddiem li ngħataw is-sensja u li kienu fil-mira tal-miżuri, fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni 1 879 (84 %) kienu sabu impjieg stabbli inklużi 77 li bdew in-negozju tagħhom, 561 (22 %) li baqgħu qiegħda, 88 li ma baqgħux disponibbli fis-suq tax-xogħol għal raġunijiet ta' taħriġ fuq perjodu twil, mard jew irtirar mix-xogħol.

- Mill-esperjenza Ġermaniża jidher li l-valur miżjur tal-EGF huwa li dan ippermetta perjodu itwal ta' intervent flimkien ma' pakkett imtejjeb ta' miżuri mfasslin apposta b'mod aħjar. Ippermetta wkoll il-finanzjament tal-għajnuna ta' segwitu għal ħaddiema li aċċettaw xogħol f'qasam professjonali ġdid. L-EGF ippermetta wkoll li jittieħdu tipi ġodda ta' miżuri, bħal pereżempju gruppi ta' pari li jidher li kienu utli ħafna.

- Il-Ġermanja qieset li, minħabba l-kumplessità tar-rekwiżiti ta' kontroll u ta' verifika, perjodu ta' sitt xhur għat-tfassil tar-rapport ta' implimentazzjoni kien qasir wisq. Il-Ġermanja indikat li l-iskambju tal-esperjenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-EGF fost l-Istati Membri tkun ħaġa utli ħafna.

- Il-miżuri tal-EGF għall-ħaddiema kienu kkumplimentati b'mod utli minn miżuri, partikolarment dawk kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew